MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Numru 605/1998

**Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**

**Vs**

**Raymond Micallef**

**Illum 25 ta' Novembru 2002.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra li-imputat Raymond Micallef ta’ 33 sena, iben il-mejjet Alfred u Hilda nee’ Portelli, imwieled Mtarfa fit-18 ta’ Jannar 1965 u residenti Elodia Flats, Flat 3, Triq Guzew Bajjada, Hamrun, detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 65965 (M);

Talli f’dawn il-Gzejjer, f’Mejju 1998 u x-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

a) Approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor is-somma ta’ aktar minn Lm8,000, liema somma giet fdata jew ikkunsinjata lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li sar uzu minnha specifikat, b’dan illi r-reat sar permezz ta’ haga fdata jew ikkunsinjata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, l-kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju ghad-dannu ta’ Martin Aquilina, ‘Il-Gugarell Ltd ‘ u bosta persuni ohra u dan bi ksur ta’ artikoli 293 u 294 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara illi rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi Raymond Micallef hati ta’ kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda tapplika l-Artikolu 28H, b'obbligu illi fiz-zmien sitt (6) xhur mil-lum, l-akkuzat ihallas l-ammont ta' Lm12,500, li minnhom ghandhu jitnaqqas l-ammont diga mhallas, wara li jigu ezebiti d-debiti ricevuti, u qeghda tikkundannah ghal terminu ta' tmintax-il-xahar (18) prigunerija, pero' dan iz-zmien m'ghandux jibda jsehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti qeghda tispjega l-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------